KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Ghawdex - Malta

**Minuti tal-20 laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ħamis 22 ta' Mejju 2014 u li bdiet fil-5.20 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti :-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsillieri : | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatriċi: | Is-Sinjorina Ann Marie Gauci (skużata) |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-laqgħa bdiet fil-5.20 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, inqraw l-Minuti tal-laqgħa ta' qabel, Nru. 19 - 8 u wara li saru l-emendi neċessarji dawn ġew approvati mill-Kunsill.

**Ftuħ tal-Kwotazzjonijiet 01/2014 (A, B, C) tal-Latrina Pubblika fi Triq Sannat**

Il-Perit Brian Curmi li ħejja d-dokumenti ta' dawn il-kwotazzjonijiet kien preżenti biex flimkien mall-Kunsill janalizzaw dawn il-kwotazzjonijiet.

Kwotazzjoni 01 (A) /2014: Provvista ta' madum u aċċessorji tas-sanita

| | |
|---|---|
| Vella Falzon Bathrooms | €4272.75 |
| Raymond Cushieri | €3578.10 |
| E. Grech Cristal Bath Ltd. | €3469.29 |
| Newline | €6464.00 |

Il-Kunsill Lokali għazel l-aktar offerta vantaġġjuża dik ta' E. Grech Cristal Bath Ltd.

Kwotazzjoni 01(B) /2014: Provvista u installazzjoni ta' aperturi u diviżorji tal-aluminju

| | |
|---|---|
| Raymond Cuschieri | €3035.00 |
| Malcom Pisani | €3449.00 |
| Andrew Vassallo | €6193.50 |

Il-Kunsill Lokali għazel l-aktar offerta vantaġġjuża dik ta' Raymond Cuschieri.

Kwotazzjoni 01(C) /2014 Provvista u installazzjoni ta' xogħolijiet tal-elettriku, plumbing u tad-drenaġġ

Ma kienx hemm kwotazzjonijiet mixħuta.

Peress li l-Kunsill ma rċieva l-ebda kwotazzjoni għas-servizz u nstallazjoni tal-elettriku, pluming u tad-drenaġġ l-Kunsill qabel li għandu jerġa joħroġ din il-kwotazzjoni. Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li l-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex ma jistgħux jgħamlu x-xogħol tat-tkissir u twaħħil tal-madum ta' din il-latrina pubblika kif kien imwiegħed mill-Ministru għal Għawdex peress li dawn il-ħaddiema għandhom xogħolijiet oħra b'urġenza ordnati. B'hekk il-Kunsill talab lil-Perit preżenti sabiex jipprepara d-dokumenti għas-servizz tat-tkissir u twaħħil tal-madum ta' din il-latrina biex il-kunsill joħroġ is-sejħa għal dawn il-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill iddeċieda li dan ix-xogħol fuq din il-latrina pubblika għandu jibda wara l-festa titulari tar-raħal, fil-bidu ta' Awwissu 2014.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-attivitajiet li ser isiru matul ix-xahar ta' Ġunju 2014 u biex is-Segretarju Eżekuttiv iħejji l-avviżi għar-residenti tal-lokal. Dawn huma:

   a) Is-Sibt 7.6.2014 – Caliente Estate 2014 bil-kollaborazzjoni tal-Gozo Beach Boys, fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Mill-4.00 p.m. 'l quddiem Triq Mġarr ix-Xini ser tkun magħluqa għat-traffiku biex jinżlu fil-bajja u ser ikun provdut s-servizz ta' shuttle mini bus mill-Gozo Beach Boys.

   b) It-Tlieta 10.6.2014 – Dawra bit-train f'Għawdex fis-6.00 p.m. It-train tgħaddi minn Triq il-Kbira, Triq Santa Marija, titla' Triq Ta' Ċenċ għal Pjazza Santa Margerita.

   c) Il-Ħadd 14.6.2014 – Sannat Motor Fest 2014. Din l-attivita ser issir għat-tielet sena konsekuttiva fejn ser issir esebizzjoni ta' karozzi, trakkijiet u muturi fil-Pjazza Santa Margerita b'risq Puttinu Cares. Għandhom jiġu bbukjati żewġ gwardjani lokali biex jikkontrollaw it-traffiku fir-raħal u D.J. Għandha tintalab ukoll l-għajnuna tal-pulizija biex ir-residenti minn Sannat tat-toroq ta' mill-pjazza l-isfel ikollhom l-aċċess x'ħin joħorġu u jidħlu.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għandu diversi talbiet mir-residenti tal-lokal fuq xogħol ta' bankini fit-toroq u dawn għadhom ma sarux. Il-Kunsill qabel li għandha toħrog Tender għal kostruzzjoni u manutensjoni ta' bankini fir-raħal.

**Komunikazzjoni tal-Kunsillieri**

1. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana nfurmat lill-Kunsill li l-Kumpanija YADA (Dance Company) avviċinatha fejn talbet li issir attivita taż-żfin fil-Pjazza Santa Margerita, nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju 2014, minn diversi żgħażagħ Ewropej. Għal din l-attivita l-Kunsill irid jaħseb għas-sound, dwal tal-palk, PA system u s-siġġijiet għall-udjenza. Is-sezzjoni tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ser tipprovdi l-palk. Il-Kunsill qabel li ssir din l-attivita.

2. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana nfurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata minn artista/pittriċi Pollakka residenti f'Għawdex sabiex tesebixxi xi xogħolijiet fis-sala tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel ma din it-talba bil-kundizzjoni li tgħati donazzjoni lill-Kunsill u li tkun hi responsabbli għax-xogħol esebit. Din l-artista għandha tintalab sabiex tiġi u tara s-sala qabel.

3. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana nfurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata minn Ms. Liliana Xuereb għalliema fl-Accounts dwar korsijiet li hi tista toffri:

   a) Introduction to Accounting
   b) Introduction to Cost Accounting

   Il-Kunsill qabel ma dawn il-korsijiet u għandu joħroġ l-avviżi biex jara jekk hemmx domanda għal dawn il-korsijiet. Il-Kunsill-Lokali qabel ukoll biex jinxtraw tlett mwejjed u white board għas-sala tal-Kunsill biex fl-istess sala jkunu jkunu jistgħu jingħataw xi lezzjonijiet f'diversi oqsma.

**Komunikazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sinjura Geraldine Mercieca l-skrivana tal-Kunsill talbet b'ittra lill-Kunsill Lokali biex minn tletin siegħa fil-ġimgħa tibda taħdem full-time. Il-Kunsill qabel ma din it-talba u s-Sinjura Mercieca għanda tintalab biex tibda taħdem full-time minn nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju 2014. Is-Segretarju Eżekuttiv semma' l-post vakanti dwar is-sejħa ta' Uffiċjal Eżekuttiv li għad għandu pendenti l-Kunsill. Il-Kunsill ħalla din il-materja għal laqgħa oħra.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Maġġur Gauci u l-Maġġur Cassar talbu ċ-ċwievet tal-uffiċini tal-għassa Ta' Sannat li kien jgħamel użu minnhom l-Kunsill Lokali qabel daħal fil-bini tal-uffiċċini l-ġodda. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn iċ-ċwievet għandhom jingħataw kollha lura għaliex il-Kunsill ma għadux jgħamel użu minn dawn l-uffiċini f'din l-għassa.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali Ta' Sannat jgħalaq l-għaxar sena minn meta sar il-ġemellaġġ mar-raħal ta' Pisoniano fl-Italja. Is-Sindku qal lill-Kunsill li għandu jinħatar kumitat għal din l-okkażjoni. Il-Kunsill qabel ma dan.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għad għandu kontijiet pendenti tas-sena l-oħra taċ-Ċallu Water Supplies meta dan il-kuntrattur kien intalab mill-Kunsill Lokali biex isaqqi s-siġar meta tħawlu f' Tal-Bidwi Park peress li ma kienx hemm tender tat-tindif u tal-mautesjoni ta' dan il-ġnien. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mall-kuntrattur dwar dawn il-kontijiet pendenti.

**Korrispondenza**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li jrcieva ittra mingħand l-Arċipriet tar-raħal flimkien mall-presbiteru fejn talbu laqgħa mas-Sindku dwar il-kwestjonarju tal-proġett tal-Pjazza Santa Margerita. Is-Sindku qal li ser jara meta din il-laqgħa tkun tista ssir.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat *sine die* fis-7.30 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**